MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 50/2012

**AB**

**vs**

**Avukat Dr Martin Fenech u il-PL Nadine Farrugia b'digriet tal-11 ta' Gunju 2012 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti CD (I.D. 538086 M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-hdax (11) ta' Gunju tas-sena elf disa mija u tmienja u sebghin (1978) skont ic-certifikat anness u mmarkat Dok A u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal it-tnejn maggorenni;
2. Illi l-intimat ilu aktar minn sentejn assenti minn Malta u qabel ma telaq minn Malta l-partijiet kienu de facto separati;
3. Illi l-hajja kunjugali ta' bejn il-partijiet saret imposibbli minhabba abbandun, ingurji, eccessi u sevizzi kommessi mill-intimat fuq martu u htija ta' dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;
4. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) anness u mmarkat Dok B;

Talbet l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-konjugi Zuccaro minhabba abbandun, ingurji, eccessi u sevizzi kommessi mill-intimat fuq martu; u fl-eventwalita' li din it-talba ma tigiex milqugha;
2. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-konjugi Zuccaro minhabba abbandun, ingurji, eccessi u sevizzi kommessi mill-intimat fuq martu;
3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti ghaliha personalment dik ir-retta alimentarja li dina l-Qorti joghobha tiffissa skont il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-mezzi ta' zewgha;
4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat billi tikkunsidra t-tortijiet kommessi mill-konvenut b'konsegwenza ta' liema z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment, okkorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;
5. Tikkundanna lill-intimat jirritorna lir-rikorrenti l-assi parafernali kollha taghha;
6. Tawtorizza lill-esponenti tabita fid-dar 5, Triq Mifsud Ellul, Qormi, li hija proprjeta' parafernali tal-istess esponenti ad eskluzjoni ta' zewgha;

7. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 u/jew 50 sa 55 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jintavolaw risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti sew;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat in-Nota tal-attrici a fol. 399 tal-process li permezz taghha l-attrici talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex tirriverti ghal kunjom xbubita Muscat;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' hall ta' zwieg bejn il-partijiet fejn l-attrici tikkontendi li z-zwieg taghha mal-intimat assenti[1] tkisser ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-intimat assenti.

Il-Qorti tirrileva li permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet taghhom il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-intimat assenti ddikjaraw li m'humiex edotti mill-kaz u rriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri f'kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern. Jigi rilevat li sussegwentement gie stabbilit kuntatt u konsegwentement l-intimat gie debitament notifikat bl-atti.

**Il-VERZJONI TAL-ATTRICI**

Illi permezz tal-affidavit taghha[2], r-rikorrenti tghid li frott taz-zwieg taghha mal-intimat ghandhom zewgt ulied li t-tnejn li huma maggorenni. Tghid li z-zwieg taghhom kwazi mill-bidu nett kien hazin, specjalment wara l-wild tal-ewwel tarbija u dan ghaliex l-intimat la qatt wera interess fil-familja u lanqas rispett. Issemmi wkoll li l-intimat kien vjolenti fis-sens li kien ikisser kull ma jsib quddiemu u b'mod regolari. Tghid li peress li kienu jghixu ma' missierha, kien ikun dan tal-ahhar li jiehu hsieb il-manutenzjoni tad-dar b'dan li l-intimat qatt ma kkontribwixxa xejn. Missierha kien anke jhallas ghall-ispejjez tal-iskola tal-ulied.

Tghid li l-fond 5, fi Triq Mifsud Ellul Qormi (li kienet id-dar matrimonjali) u r-residenza wkoll ta' missierha, wirtitha fis-sena 2001.

Issemmi li zewg nisa avvicinawha fis-sens li qalulha li zewgha ttantahom u li waqqfulu huma ghax kieku kien imur *oltre*. Hija titlob li l-hanut ta' missierha jdur fuqha peress li prezentement huwa fuq

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process

[2] Ara a fol 31 tal-process

zewgha, pero' fil-verita' dejjem kienet tahdem f'dan il-hanut. L-intimat kien jarmi x-xoghol billi jittratta lill-klijenti hazin, tella hafna dejn, tant li d-dar matrimonjali giet ipotekata biex taghmel tajjeb ghad-dejn tal-hanut. Tghid li wara li l-intimat telaq mid-dar, xorta wahda baqghet thallas il-pagamenti tal-bank fl-ammont ta' €270 fix-xahar. Anke wara li tttiehdet il-*loan* relattiva, l-intimat baqa' jiddejjen u ghalhekk il-glied ta' bejniethom kompla jikber. Izzid tghid li qalilha li ser jaqta' *one way ticket* ghall-Italja u kif isib xoghol jibghatilha l-flus, pero' minkejja li verament qata' *one way ticket* qatt ma baghat flus. Tghid li l-intimat ilu li telaq mid-dar erba' snin[3] u halla warajh dejn kbir li ghadha thallas sal-lum –il gurnata. Taf li l-intimat qed jiehu pensjoni minn Malta u ghalhekk titlob li l-mantiment likwidat jinqata' direttament minn tali pensjoni. Tiddikjara li m'ghandha ebda kuntatt mieghu u li abbandunaha kompletament. Tghid li l-vettura Skoda Fabia 'ZUC 171' hija fil-verita' proprjeta' ta' binhom Fabio tant li kien dan tal-ahhar li hallas l-istess vettura pero' ufficjalment tali vettura hija intestata f'isem l-intimat u ghalhekk titlob li tali vettura tghaddi fuq isem l-istess wild Fabio. Titlob ukoll li l-vettura Piaggio Porter 'NAS 219' tigi trasferita fuq isimha. Taghlaq billi tghid li tixtieq li l-intimat jinzamm resonsabbli ghad-dejn u jigi rifuz lilha l-pagamenti li ghamlet kemm ilu nieqes mid-dar.

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI

Il-Qorti tirrileva li l-attrici ressqet numru ta' xiehda u provi sabiex tissustanzja t-talbiet taghha. Ssir referenza ghax-xiehda tas-Supretendent Lawrence Cutajar fejn jipprezenta zewg akkuzi fil-konfront tal-intimat li jirrigwardaw manteniment[4].

Jixhed ukoll Joseph Chircop in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali[5] fejn jiddikjara li l-intimat jiehu pensjoni ta' €106.87 kull

[3] B'dan li l-affidavit huwa datat Ottubru 2012

[4] Ara x-xhieda tieghu datata t-18 ta' Ottubru 2013 u Dok. PI1 – PI4 esebiti a fol 84 – 96 tal-process

[5] Ara a fol 81 tal-process

gimgha li €46.15 fil-gimgha minnhom ser jibew jghaddu lill-attrici. Dan kollu huwa kkonfermat f'Dok. DSS1[6].

Jixhed Romauld Attard[7] in rapprentanza tal-Bank of Valletta kif ukoll Audrey Ghigo[8] in rapprezentanza tal-HSBC Bank (Malta) plc li jipprezentaw informazzjoni u dokumentazzjoni relatatati mal-kontijiet bankarji fuq l-attrici, fosthom Dok. HSBC1 li jidher li hemm *withdrawals* mill-kont bankarju tal-attrici biex tithallas il-*home loan division* u tipprezenta wkoll is-*sanction letter* (f'seduta ohra), liema *saction letter* hija abbinata ma' *maxicredit to finance shop refurbishment*. Tixhed ukoll Graziella Bray in rapprezentanza ta' APS Bank[9], Katrina Buhagiar[10] in rapprezentanza tal-Banif Bank u Jeanette Lepre in rapprezentanza tal-Lombard Bank[11] fejn jiddikjaraw li r-ricerka li ghamlu kienet fin-negattiv.

**DWAR IT-TALBA GHALL-HALL TAZ-ZWIEG JEW SEPARAZZJONI PERSONALI**

L-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jelenka r-rekwiziti ghall-ottjeniment ta' divorzju u cioe', il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

> ***(a)*"*Fid-data li jibdew il-proceduri ta' divorzju, il-mizzewgin ikunu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin***

6 Esebit a fol 83 tal-process

7 Ara x-xhieda tieghu datata l-10 ta' Dicembru 2013 a fol 113 tal-process

8 Ara x-xhieda taghha datata l-10 ta' Dicembru 2013 a fol 113 tal-process, dik tas-7 ta' Marzu 2014 esebita a fol 404 tal-process kif ukoll dik tat-23 ta' Mejju tas-sena 2014 esebita a fol 527 tal-process

9 Ara x-xhieda taghha datata l-15 ta' Novembru 2013 a fol 397 tal-process

10 Ibid

11 Ara x-xhieda taghha datata l-15 ta' Novembru 2013 a fol 398 tal-process

***minnufih precedenti, jew ikunu ghaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b)Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u***

***(c)Il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkustanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-Artikolu 57.."***

Il-Qorti tirrileva li mix-xiehda tal-attrici, li bl-ebda mod m'hija kontraddetta mill-intimat *stante* li ma ressaq ebda provi fil-mori tal-kawza, saz-zmien li l-attrici ghamlet l-affidavit taghha, l-partijiet kienu diga' ilhom jghixu separatament ghal erba' snin. Dan kien fis-sena 2012. Ghaddew aktar minn sentejn minn tali data b'dan li l-intimat, (li gie notifikat gewwa l-Italja u li allura jikkonferma l-allontananza tieghu mill-attrici u mill-gzejjer Maltin) ikompli jikkonferma kemm verament il-partijiet huma separati ghal aktar minn erba snin u konsegwentement l-ewwel kriterju tal-ligi huwa sodisfatt. Il-fatt li l-istess intimat jghix gewwa l-Italja minghajr ebda forma ta' kuntatt mal-attrici jwassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni li m'hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn l-istess partijiet. *Stante* li l-manteniment qed jithallas b'mod regolari peress li dan qed jinqata' direttament mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, allura jirrizulta li m'hemm ebda raguni valida ghaliex it-talba ghall-hall taz-zwieg m'ghandhiex tigi milqugha.

Dwar l-ewwel talba, il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 41 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba***".

Permezz tal-affidavit taghha l-attrici tiddikjara li l-intimat telaq mid-dar matrimonjali *b'one way ticket u* qatt ma rega' mar lura. Il-Qorti m'ghandha ebda prova kontrarja ghal dak li qed issostni l-attrici u tiddikjara wkoll li ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taghti kredibilita' lil tali verzjoni. Tenut kont ta' tali abbandun li skont dak li tghid l-attrici, sar ghaliex l-intimat assenti huwa ragel li qatt ma assuma r-responsabbilita' tal-familja allura l-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li t-talba ghall-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet ghal ragunijiet li huma unikament imputabbli lill-intimat ghandha tigi milqugha.

**DWAR IT-TALBA GHAL HLAS TA' MANTENIMENT**

Il-Qorti taghmel referenza ghar-rikors tal-attrici datat it-13 ta' Novembru 2012 fejn talbet manteniment *pendente lite* li jinqata' direttament mill-pensjoni tal-intimat mahruga mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, kif ukoll ghan-nota guramentata taghha fejn tiddikjara li l-profitt taghha ghas-sena 2010 fl-ammont ta' €2869 u l-ammont ta' €5164 ghas-sena 2011. Tiddikjara wkoll li d-dejn li halla zewgha qabel ma telaq mid-dar jammont ghal €392 fix-xahar. Permezz ta' digriet datat il-11 ta' Dicembru 2012, il-Qorti odnat lill-intimat ihallas is-somma ta' €200 fix-xahar. Il-Qorti taghmel referenza ghar-rikors tal-attrici datat it-3 ta' Ottubru 2013 fejn talbet li tali manteniment jithallas direttament mill-pensjoni tal-intimat kif ukoll li l-arretrati jithallsu mill-istess pensjoni, liema talbiet gew milqugha permezz ta' digriet datat it-2 ta' Novembru 2013[12].

Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li l-istess rikorrenti hija kostretta li tassumi d-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti wahedha, u *stante* wkoll li l-intimat huwa unikament responsabbli ghas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet, l-istess intimat ghandu jhallas is-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-attrici, liema manteniment ghandu jibqa' percepit b'mod indefinit u f'kull cirkustanza.

[12] Ara a fol 103 tal-process

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-Qorti tirrileva li l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti huma l-kontijiet bankarji, il-kirja tal-hanut, il-facilita' relattiva mal-HSBC kif ukoll zewg vetturi. Huwa minnu li l-attrici tikkontendi li vettura minnhom fir-realta' hija proprjeta' tal-wild Fabio, pero' jibqa' l-fatt li tali vettura hija intestata f'isem l-intimat. Ghalhekk, tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti, kemm permezz tal-affidavit taghha kif ukoll permezz tax-xiehda tar-rapprezentant tal-HSBC jirrizulta li d-dejn thallas unikament mill-attrici u mill-kont bankarju taghha (b'dan li l-intimat konsistentement fiz-zwieg qatt ma kkontribwixxa xejn u lanqas baghat flus meta telaq lejn l-Italja) thoss li huwa ekwu li l-kirja tal-hanut 'Nasser Store' tghaddi fuq l-attrici b'mod esklussiv, b'dan li kull licenzja relattiva ghandha tinqaleb ghal fuqha wkoll u kwalunkwe dejn relattiv mal-istess hanut ghandu jkompli jigi mhallas esklussivament mill-attrici. Kwantu ghaz-zewg vetturi li jidhru li huma formanti parti miz-zwieg u cioe' l-vettura Skoda Fabia bin-numru ta' registrazzjoni 'ZUC 171' u Piaggio Porter bin-numru ta' registrazzjoni 'NAS 219' il-Qorti thoss li dawn ukoll ghandhom jigu assenjati lill-attrici u ghalhekk tassenja tali vetturi lill-istess attrici. Kwantu ghall-kontijiet bankarji, l-Qorti thoss li kull parti ghandha zzomm dawk il-kontijiet bankarji intestati f'isimha filwaqt li l-kontijiet bankarji li huma kongunti bejn il-partijiet qed jigu assenjati lill-attrici b'mod esklussiv. Kwantu ghad-dar matrimonjali, u cioe' l-fond bin-numru 5, fi Triq Mifsud Ellul Qormi, l-attrici tirrileva li din hija proprjeta' parafernali taghha. Il-Qorti m'ghandha ebda kuntratt pubbliku li jista' jaghti prova konkreta ta' dan, pero' tenut kont tal-fatt li l-intimat huwa hati ghas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet u tenut kont tal-abbandun tieghu, tali fond qed jigi assenjat lill-attrici b'mod esklussiv b'dan li l-istess attrici qed tigi awtorizzata tabita fl-istess dar ad eskluzjoni tal-istess intimat.

**DWAR L-ASSI PARAFERNALI TAR-RIKORRENTI**

Il-Qorti tirrileva li dwar tali talba m'hemm ebda prova dwar x'setghu kienu l-assi parafernali tal-istess rikorrenti (ghalkemm hija ssemmi d-dar matrimonjali) u ghalhekk, fin-nuqqas ta' tali prova, il-Qorti bl-ebda mod ma tista' tilqa' din it-talba.

**DWAR ID-DEKADENZA TAL-INTIMAT**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

L-Artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu".

Il-Qorti, tirrileva li jirrizulta car li l-intimat huwa hati ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba l-abbandun totali huwa kkommetta fuq il-familja tieghu u ghalhekk, tara li hemm ir-rekwiziti necessarji sabiex jigi applikat kontra l-istess intimat l-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara l-hall taz-zwieg bejn il-konjugi Zuccaro minhabba abbandun da parti tal-intimat;

[2] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba *stante* li din hija relatata mas-success mal-ewwel talba *o meno*;

[3] Tilqa' it-tielet talba u tordna lill-intimat ihallas is-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-attrici, liema manteniment ghandu jibqa' percepit b'mod indefinit u ghandu jinqata' direttament mill-pensjoni li tohrog favur l-intimat mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

[4] Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet bil-mod kif spjegat fil-paragrafu intitolat 'Dwar it-Talba ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti'. Ghal dan il-ghan, qed jigi nominat in-Nutar Sean Critien f'kaz li jirrizulta li l-fond gewwa Qormi m'huwiex diga' f'isem l-attrici u kif ukoll lil Dr. Leontine Calleja u PL Daniel Aquilina sabiex jagixxu bhala kuraturi tal-intimat f'kaz tal-kontumacja tieghu sabiex jidhru ghal kull att relattiv sabiex dak ordnat fil-paragrafu hawn imsemmi jigi mwettaq.

[5] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba stante li ma rrizultaw ebda assi parafernali tar-rikorrenti;

[6] Tilqa' s-sitt talba u tawtorizza lill-attrici tabita b'mod esklussiv fil-fond 5, Triq Mifsud Ellul, Qormi;

[7] Tilqa' s-seba' talba limitatament ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tenut kont tan-nota esebita in atti datata l-11 ta' Frar 2014[13] u b'referenza specifika ghal Artikolu 62(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tiddikjara li l-attrici ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Muscat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, b'dan li kwalunkwe spejjez relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jigu imhallsa provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[13] Esebita a fol 399 tal-process